**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 148/13 AL

**A B**
**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Peress illi l-kontendenti zzewgu fit - 2 ta' Dicembru 1972 u ffirmaw kuntratt ta' firda personali datat 27 ta' Lulju 1988 fl-atti tan-Nutar Patrick Critien (Dok A).

2. Illi b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 10 ta' Jannar 2013 gie pronunzjat id-divorzju bejn iz-zewg kontendenti (Dok B).

3. Illi bl-istess kuntratt ir-rikorrent kien obbliga ruhu li jhallas retta alimentarja ghall-intimata martu u ghal uliedhom.

4. Illi odjernament ir-rikorrent qed jghaddi lill-intimata unikament is-somma ta' mitejn u tnejn u disghin Ewro (€292) mensilment.

5. Illi l-intimata ddekadiet mid-dritt li tircievi l-manteniment kif indikat fuq l-istess kuntratt ta' firda personali peress illi rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tal-istess rikorrent.

6. Illi in oltre r-rikorrent mhux f'posizzjoni aktar illi jibqa' jghaddi l-istess retta alimentarja .

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-intimata hatja ta' adulterju fil-konfront tal-istess rikorrent.
2. Tiddikjara d-dekadenza taghha fil-konfront tar-rikorrent ghal pagament tal-manteniment kif rizultanti mill-kuntratt ta' firda personali datat 27 ta' Lulju 1988.
3. Tiffissa d-data tad-dekadenza tal-intimata mill-hlas ta' manteniment.
4. Tordna r-rifuzjoni tal-manteniment imhallas wara dik id-data hekk stabbilita bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv.
5. Tiddikjara li r-rikorrent mhux f'posizzjoni aktar li jissomministra l-manteniment lill-intimata kif stipulat fl-istess kuntratt ta' firda personali fuq indikat datat 27 ta' Lulju 1988 minhabba l-istat finanzjarju tieghu.
6. Tordna r-rexissjoni tal-klawsola li biha giet iffissata r-retta alimentarja talvolta pagabbli lill-intimata fl-istess kuntratt ta' firda personali fuq indikat datat 27 ta' Lulju 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimata mil-lum ingunta ghas-subizzjoni

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha tikkonferma :

1. Illi l-kontendenti izzewgu fit-2 ta’ Dicembru 1972 u miz-zwieg taghhom il-kontendenti kellhom hamest itfal li llum huma lkoll maggorenni.

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta‘ kuntratt ta‘ separazzjoni personali pubblikat fis-27 ta‘ Lulju 1988.

3. Illi, safejn ghadu rilevanti llum,jigi rilevat illi z-zwieg tal-kontendenti kien tfarrak minhabba htijiet imputabbli lill-attur u b’ mod partikolari ghaliex huwa kellu relazzjoni extra konjugali ma’ mara ohra, senjatament certa K L, u dan ghal numru ta’ snin, kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza.

4. Illi b’sentenza ta‘ dina l-Onorabbli Qorti, gie pronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti fl-10 ta‘ Jannar 2013. Biex inghatat is-sentenza tal-hall taz-zwieg, din il-Qorti kienet qabel xejn zgurat ruhha illi l-konjugi kienu qeghdin jircievu l-manteniment adegwat.

5. Illi din hija l-ewwel darba li r-rikorrent ghamel din l-allegazzjoni ta’ adulterju versu l-esponenti martu.

6. Illi l-esponenti qeghda tikontesta l-allegazzjoni illi hija kienet adultera u tikkonesta wkoll kull allegazzjoni dwar htija ohra illi wassal ghat-tifrik taz-zwieg taghha.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha teccepixxi :

1. Dwar l-ewwel talba attrici ghal dikjarazzjoni tal-adulterju tal-konvenuta huwa eccepit illi

i) Din it-talba ma hijiex mahsuba fil-ligi billi l-kontendenti ma humiex mizzewgin lil xulxin;

ii) Illi ghaliex iz-zwieg tal-kontendenti huwa mahlul u, bl-eccezzjoni tal-obbligu ta' manteniment, ebda parti ma tista, wara l-hall taz-zwieg, tinvoka kontra l-parti l-ohra l-obbligi gejjin miz-zwieg.

2. Dwar it-tieni talba attrici ghal dikjarazzjoni tad-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt taghha illi tircievi l-manteniment mahsub fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti. Jghoddu l-eccezzjonijiet imressqa kontra l-ewwel talba izda huwa ukoll eccepit is-segwenti;

i) Illi d-dekadenza mid-dritt ta' hlas ta' manteniment mahsub f' kuntratt ta' separazzjoni m' huiex mahsub fil-Ligi, parikolarment wara l-hall taz-zwieg tal-konjugi, hlief fic-cirkostanzi mahsuba fis-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66M tal-Kodici Civili;

ii) Straordinarjament kien ammess fil-gurisprudenza illi l-konjugi jista' jattakka l-obbligu tieghu ta' hlas tal-manteniment lill-konjugi l-ohra minhabba adulterju wara l-publikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni billi jistitwixxi proceduri ta' separazzjoni, haga impossibbli li ssir in vista tal-fatt illi z-zwieg tal-kontendenti huwa mahlul .

iii) Illi mhuwiex minnu li l-esponenti b'xi mod seghtet taghti lok ghad-dekadenza tad-dritt ta' manteniment anke kieku stess il-kontendenti kienu ghandhom mizzegin u mhux legalment separati.

iv) Illi l-hlas tal-manteniment attakkat f'din l-istanza huwa regolat mill-kuntratt ta' separazzjoni li specifikament jeskludi r-revizjoni tal-manteniment ghajr f'cirkostanzi mahsuba fl-istess kuntratt. Inoltre kull dritt rezidwu tal-volta pretiz mill-attur f'dan ir-rigward huwa soppress mid-duttrina *pacta sunt servanda* kif inhi artikolata fil-gurisprudenza.

3. Dwar it-tielet u r-raba talbiet attrici, illi huma accessorji ghat-talbiet precedenti, jghoddu l-eccezzjonijiet gja imressqa kontra l-ewwel talba u t-tieni izda huwa ukoll eccepit is-segwenti;

i) It-tielet talba hija mahsuba fil-Ligi (Artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili) biss fir-rigward tal-qsim tal-gid tal-kommunjoni u biss f' kawza ta' separazzjoni jew f' kawza ta' divorzju bejn konjugi illi ma jkunux gja legalment separati (Artikolu 66E tal-Kodici Civil). MA hiex mahsuba fic-cirkostanzi prezentati f' din kawza.

ii) Manteniment imhallas m' huiex legalment rifondibbli taht ebda cirkostanza (Artikolu 22 Kodici Civili).

4. Dwar il-hames talba, b' zieda mal-eccezzjonijiet imressqa fir-rigward tat-talbiet kollha l-ohra, huwa eccepit illi dina t-talba tista titressaq biss kemm il-darba l-intitolament ghal revizjoni ma jkunx gie specifikatament eskluz mill-kuntratt ta' separazzjoni (kif inhu l-kaz) u kemm il-darba ukoll id-debitur tal-manteniment ma jkunx f'impossibilita' oggettiva li jhallas il-manteniment miftiehem illi ukoll certament mhux il-kaz.

5. Is-sitt talba ghar-ricessjoni tal-klawsola hija insostenibbli billi biex tintalab ir-rixissjoni ghandhom jigu premessi w ppruvati vizji fil-kuntratt ezistenti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens (Artikolu 1209 et seq tal-Kodici Civili).

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta ;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluż l-affidavits.

Semgħet lill-partijiet u lix-xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attur ippreżentata fl-20 ta' Frar 2017[1], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenuta ippreżentata fis-27 ta' Diċembru 2017[2].

[1] Fol. 988
[2] Fol. 992

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tingħata s-sentenza.

Ikkunsidrat:

<u>Il-fatti</u>

1. Il-partijiet iżżewġu fit-2 ta' Diċembru 1972 u minn dan iż-żwieġ twieldu ħames ulied, illum kollha maġġorenni.

2. Huma nfirdu b'kuntratt ta' separazzjoni personali iddatat is-27 ta' Lulju 1988, fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien[3], fejn il-partijiet ftehmu illi l-attur iħallas lill-konvenuta manteniment għaliha (oltre l-manteniment għall-ulied) fis-somma ta' Lm100 fix-xahar, awmentat skont iż-żieda fis-salarju awtorizzata mill-Gvern.[4] Ftehmu wkoll *"3g. Illi jinftiehem li l-manteniment kif fuq imfisser huwa rata fissa u stabbli, u bl-ebda mod ma' għandu jiġi rivedut ħlief fiċ-ċirkostanzi u taħt il-kondizzjonijiet kontemplata f'dan l-att."*

3. Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti mogħti fl-10 ta' Jannar 2013[5], il-Qorti ppronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

4. Fit-23 ta' Lulju 2013, l-attur intavola l-proċeduri odjerni illi permezz tagħhom qiegħed jattakka l-manteniment minnu mħallas lill-konvenuta għab-bażi ta' żewġ premessi:
    a. L-adulterju tal-konvenuta
    b. It-tibdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu;

<u>Dwar l-Adulterju tal-Konvenuta</u>

---

[3] Kopja esebita fol. 7

[4] Preżentement ir-rata mensili pagabbli mill-attur lill-konvenuta telgħet għas-somma ta' mitejn u sebgħa u disgħin ewro (€297).

[5] Kopja legali hija esebita fol. 4

Permezz tal-affidavit tiegħu[6], l-**attur** jispjega illi meta martu kienet tqila bil-ħames tarbija tagħha, kien mar id-dar mix-xogħol u sabha tibki. Hi kienet qaltlu li kienet qed tittradih ma' ċertu Victor, ġar tagħhom, u li t-tarbija li kienet qed iġġorr kienet tal-imsemmi Victor u mhux tiegħu. Minħabba f'dan, kibret l-animożita bejn il-partijiet tant illi ż-żwieġ tagħhom sfaxxa u l-partijiet isseparaw bonarjament kif intqal.

Fuq domanda tal-Qorti[7], l-attur sostna illi huwa kien aċċetta li jħallas il-manteniment lil martu, minkejja li kienet qaltlu li kienet ikkommettiet adulterju fil-konfront tiegħu, b'rispett li kellu ħamest'itfal u wkoll għaliex huwa ffirma l-kuntratt tas-separazzjoni minkejja li ma kienx jaf eżattament x'fih.

Huwa xehed ukoll illi wara xi sena mis-separazzjoni tal-partijiet, ir-relazzjoni tal-konvenuta mal-imsemmi Victor spiċċat u sussegwentement hija bdiet tiffrekwenta lil ċertu John li l-attur jiddeskrivih bħala sinjurun li kellu villa il-Madliena bis-*swimming pool* u ġnien kbir u kellu anke negozju l-Ingilterra, u dana l-attur kien jafu għax huwa kien ħabib tax-xhud. Din ir-relazzjoni bejn John u C il-konvenuta baqgħet għaddejja għal għoxrin sena, sakemm l-istess John miet ċirka fl-2010.

Il-konvenuta **C B**, xehdet[8] illi John kien ħabib tagħha, iżda xi għaxar snin wara li sseparat mill-attur, huma daħlu f'relazzjoni intima bejniethom. Ir-relazzjoni spiċċat mal-mewt tal-istess John. Xehdet ukoll illi qabel John hija kienet f'relazzjoni ma' bniedem ieħor, iżda warajh le. Hija kkonfermat li kienet f'relazzjoni minn qabel is-separazzjoni u damet miegħu sa ftit wara s-separazzjoni. Mistosija in kontro-eżami dwar Victor, hija wieġbet li żewġha kien jaf bih għax qaltlu bir-relazzjoni tagħhom

---

[6] Fol. 22

[7] Xiehda tal-attur fl-udjenza tat-8 t'April 2014, fol. 51.

[8] fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2014, fol. 77.

qabel ma l-partijiet isseparaw. Hija tikkonferma dak illi xehed l-attur dwar l-imsemmi Victor u r-relazzjoni tal-konvenuta miegħu.

Il-Qorti tirrileva illi meta wasal biex jintroduċi l-liġi li permezz tagħha ddaħħal id-divorzju ġewwa pajjiżna, il-leġislatur ried illi jipproteġi lil dawk il-konjuġi illi jirċievu l-manteniment mingħand il-konjuġi l-ieħor, sabiex it-tieni konjuġi ma jkunx jista' japproffitta ruħu mill-ksib tad-divorzju biex jittermina l-obbligu tiegħu illi jħallas il-manteniment lill-ewwel konjuġi. Fil-fatt ġie lleġislat illi mal-għoti ta' kull divorzju il-Qorti trid taċċerta ruħha illi l-obbligi tal-manteniment jkunu qegħdin jiġu onorati. Di fatti, l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi mal-għoti tad-divorzju il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi ***"(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom..."***

Tant huwa minnu li l-leġislatur xtaq illi jipproteġi d-dritt tal-manteniment, illi ta l- l-fakolta lill-Qorti li tiċħad it-talba tad-divorzju mhux biss jekk il-ħlas tal-manteniment ma jkunx regolari, iżda wkoll jekk bil-ksib tad-divorzju ser tkun iktar diffiċli għall-konjuġi li jikseb il-ħlas tal-manteniment. L-Artikolu 66D(2) tal-Kodiċi Ċivili jistipula:
***"66 D.(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u <u>li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċli għall-istess parti l-oħra</u>***

***<u>illi tikseb il-ħlas tal- manteniment</u>.*** [9] ***Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba."***

Artikolu ieħor illi jsostni l-ħsieb tal-leġistatur illi jipproteġi l-manteniment huwa l-Artikolu 66I(3) illi jipprovdi għall-possibilita' li tkun ordnata garanzija xierqa sabiex tikkawtela l-ħlas effettiv tal-manteniment, billi jistipula:
***"Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet.."***

Dana kollu suespost, in prattika, allura jfisser illi ġjaladarba l-konjuġi jkun qiegħed iħallas il-manteniment dovut minnu, huwa jista' jibqa' għaddej b'ħajtu u jibda relazzjoni anke intima ġdida u dana mingħajr ma jsib ruħu fil-ksur tal-liġi. Tant hu hekk, illi l-istess konjuġi jista' jintrabat mill-ġdid fiż-żwieġ.

Illi meta s-sitwazzjoni tkun fl-invers, u allura jkun il-konjuġi li qiegħed jirċievi l-manteniment, li jidħol f'relazzjoni ġdida, daka jista' jibda relazzjoni mill-ġdid mingħajr ma jattira lejh id-dekadenza mid-dritt li jipperċepixxi manteniment?

F'każ illi l-konjuġi li qiegħed jirċievi l-manteniment jikkuntratta t-tieni żwieġ, allura l-liġi fl-Artikolu 66M hija ċara u inekwivoka fis-sens illi dana awtomatikament jiddekadi mid-dritt tiegħu li jirċievi l-manteniment, u dana anke jekk il-kuntratt tas-separazzjoni jkun jistipula l-oppost.

---

[9] Enfasi ta' din il-Qorti

***“66M. Meta l-parti li tkun qed tirċievi l-manteniment, sew jekk bis-saħħa ta’ ordni tal-qorti kif ukoll jekk bis-saħħa ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, tiżżewweġ mill-ġdid jew tidħol f’relazzjoni personali li ġġib magħha obbligu ta’ manteniment favur tagħha mingħand terza persuna, tali parti tiddekadi mid-dritt li tirċievi l-manteniment li jkun jitħallas għaliha mingħand il-parti l-oħra fid-divorzju b’effett mill-ġurnata taż-żwieġ mill-ġdid jew mill-bidu ta’ relazzjoni oħra, kif fuq imsemmi. Dan l-artikolu għandu japplika anke fil-każ li jkun ġie miftiehem bejn il-partijiet f’kuntratt ta’ separazzjoni li l-ftehim dwar manteniment favur il-partijiet jew min minnhom, għandu jibqa’ validu u ma jistax jinbidel fil-każ ta’ żwieġ mill-ġdid jew ta’ relazzjoni oħra kif fuq imsemmi ta’ dik il-parti li tkun qed tirċievi l-manteniment:***
***Iżda l-ordni għall-manteniment li tkun ġiet ordnata jew awtorizzata mill-qorti li titħallas permezz ta’ somma globali favur il-parti li terġa’ tiżżewweġ jew li tkun bdiet relazzjoni oħra kif imsemmi f’dan l-artikolu, għandha tibqa’ fis-seħħ minkejja illi l-parti li favur tagħha tkun saret tiżżewweġ mill-ġdid jew tidħol f’relazzjoni oħra kif imsemmi.”***

Issa pero', jekk il-konjuġi illi jirċievi l-manteniment jagħżel illi jikkoabita jew jidħol f’relazzjoni intima mingħajr ma jikkoabita, x’jiġri mill-manteniment pagabbli lilu? Fil-perjodu tal-għerusija qabel ma jikkuntratta t-tieni żwieġ, il-konjuġi mill-ewwel żwieġ huwa xorta waħda dovut li jħallas il-manteniment? Is-sitwazzjoni tista’ tkun xi ftit anomala fis-sens illi filwaqt illi l-obbligu tal-fedelta' jispiċċa, l-obbligu tal-manteniment jibqa’ mhux mittiefes. Għalhekk il-Qorti tistaqsi dan l-obbligu li wieħed iħallas il-manteniment sa liema eventwalita’ jibqa’ bla mittiefes? Sakemm il-konjuġi li tirċievi l-manteniment mill-ewwel żwieġ tibda relazzjoni ġdida, sakemm tikkoabita, sakemm tmut? Il-liġi ma tagħtix tweġiba definittiva għal dawn il-mistoqsijiet iżda bid-dispożizzjonijiet tagħha kif inhi sal-lum, jirriżulta illi l-

manteniment jibqa’ pagabbli sakemm min qed jirċievi l-manteniment jikkuntratta ż-żwieġ.

Tenut kont tal-protezzjoni li korrettement tingħata lill-manteniment mil-leġislatur kif suespost, jirriżulta li din hija s-sitwazzjoni skont il-liġi tagħna preżentement. Il-Qorti m’hijiex tal-fehma li l-leġislatur xtaq illi l-konjuġi li jirċievi l-manteniment jibża’ jidħol f’relazzjoni ġdid, sabiex ma jitlifx l-għixien tiegħu. Kieku tkun teżisti tali biża’, il-konjuġi ma jitqegħdux f’ċirkostanzi ugwali u dana għaliex dak li jħallas il-manteniment jitpoġġa fil-vantaġġ li jibqa’ għaddej b’ħajtu, filwaqt illi dak li jirċievi l-manteniment irid ikun ferm iktar kawt. F’xenarju bħal dak, min ikun ħati għat-tkissir taż-żwieġ, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, jiġi ordnat iħallas il-manteniment lill-konjuġi, jkun f’pożizzjoni li bil-flus li jħallas bħala manteniment lill-konjuġi jakkwista l-liberta' li jibda relazzjoni ġdida, iżda dak li jkun diġa sofra bla ħtija tiegħu, it-tkissir taż-żwieġ tiegħu, ikollu jerġa’ jsofri billi jkun prekluż milli jibda relazzjoni ġdida. Ċertament illi dan it-tip ta’ żvantaġġ fuq il-konjuġi li jirċievi l-manteniment, kemm il-leġislatur u kemm il-Qorti ma jixtiquhx.

Pero' mhuwiex eskluż li s-sitwazzjoni attwali tista’ jġib abbuż, għaliex il-konjuġi li jirċievi l-manteniment jista’, minkejja li jkun f’relazzjoni stabbli u regolari, ma jikkuntrattax iż-żwieġ sabiex ma jitlifx il-manteniment dovut mill-ewwel żwieġ, meta huwa jkun qiegħed igawdi l-vantaġġi ekonomiċi tas-sieħeb il-ġdid tiegħu daqslikieku fiż-żwieġ. Illi għalhekk ma jkunx ta’ detriment li kieku l-leġislatur jipproteġi wkoll lil min isib ruħu f’din l-anomalija. Il-Qorti, fin-nuqqas ta’ leġislazzjoni speċifika, ma teskludix illi f’każijiet bħal dawn tintervjeni hija stess, sabiex timla din il-lakuna fil-liġi.

Fil-fatt, fil-passat, kienu l-Qrati tagħna u mhux il-liġi li provdew rimedju straordinarju għal min kien diġa separat bl-obbligu li jħallas il-manteniment u l-konjuġi l-ieħor rrenda ruħu ħati

t'adulterju. Jingħad li kien rimedju "straordinarju" għaliex, sa ċertu punt, jista' jiġi kkunsidrat illi dan ir-rimedju ssorvola d-dmirijiet naxxenti mill-prinċipji tal-*pacta sunt servanda* u tar-*res judicata.* Fil-fatt, bl-applikazzjoni tal-imsemmi rimedju, parti li tkun separata sew jekk b'kuntratt u sew jekk b'sentenza, jista' jerġa' jitlob is-separazzjoni mill-ġdid għab-bażi tal-adulterju. Dana huwa rimedju tassew straordinarju illi l-Qrati tagħha matul is-snin irrikorrew għalih, fin-nuqqas tal-leġislazzjoni speċifika fir-rigward. Kif irritjeniet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Eric Scerri vs. Pancrazianella Scerri</u>[10],

> *"Jiġi rilevat illi fil-Kodiċi Ċivili[11] tagħna, mhuwiex speċifikat illi kuntratt ta' separazzjoni personali jista' jiġi emendat fl-eventwalita` ta' adulterju ta' xi parti. L-istess Kodiċi lanqas ma jagħti l-fakolta` lil xi parti biex titlob lill-Qorti tvarja l-provvedimenti stipulati f'kuntratt ta' separazzjoni personali rigwardanti l-manteniment, minkejja li jagħti l-istess fakolta` fuq klawżoli oħra, bħal m'hu, per eżempju, l-kura u l-kustodja tal-ulied.*
>
> *Inoltre, l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa l-artikolu relevanti għad-dekadenza mill-manteniment, huwa marbut mad-dikjarazzjoni ta' ħtija f'kawża ta' separazzjoni personali. Għalhekk l-insenjament tal-Qrati dejjem kien li l-Qorti ma tistax tilqa' talba għad-dikjarazzjoni tad-dekadenza fin-nuqqas ta' talba għall-pronunċja tas-separazzjoni personali. "Biex raġel mifrud minn ma' martu ikun esentat mill-obbligu tal-ħlas tal-alimenti jrid qabel jagħmel b'suċċess kawża ta' separazzjoni personali fuq kawżali ta'adulterju li kienet eskluża fil-motivi ta'*

[10] Rikors Ġuramentat 236/11AL, deċiża fit-23 ta' Marzu 2017
[11] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

*separazzjoni u issopraveniet wara."*[12] *Dana l-insenjament ġie segwit fil-kawża* *__Francis Bugelli vs. Josephine Borg gia Bugelli__*[13] *fejn il-Qorti tal-Appell kienet stipulat: "l-Qorti tissottilinea li l-konsegwenzi li jissemmew fl-artikolu 48 u 52 tal-Kodiċi Ċivili huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba ad hoc sabiex tkun ippronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din ir-regola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess kif ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza tat-tribunal tagħna."*

*Jidher għalhekk illi xi parti li tkun ġja legalment separata, u tallega li l-parti l-oħra hija ħatja ta' adulterju u allura ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment, m'għandhiex rimedju msejjes fil-Kodiċi Ċivili."*

Jirriżulta għaldaqstant illi l-ġurisprudenza tagħna provdiet rimedju f'każ bħal dan u neħħiet din il-lakuna mil-liġi, u dana stante li l-Qrati tagħna stabbilixxew illi l-fatt li partijiet ikunu ġja separati, m'huwiex ta' ostaklu għal xi parti li jitlob is-separazzjoni mill-ġdid, għab-bażi ta' fatti li avverew ruħhom **__wara__** l-għoti tal-ewwel sentenza jew tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.

Fil-fehma tal-Qorti, is-sitwazzjoni hija diversa meta l-konjuġi jkunu biss isseparati u mhux iddivorzjati u dana stante illi bis-separazzjoni, l-obbligu tal-fedelta ma' jispiċċax. Għalhekk dan l-insenjament iċċitat ma jistax ikun applikat fil-każ ta' koppja li kisbet id-divorzju u dana stante li wara d-divorzju l-konjuġi li jifforma relazzjoni ġdida ma jistax jingħad li jkun adulteru stante

[12] __Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici noe ve. Dr. Hugh McKibbin__ - deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Novembru 1965
[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 1996

illi huwa jkun ġie meħlul mill-obbligi tal-fedelta versu l-konjuġi mill-ewwel żwieġ tiegħu. Inoltre, kif intqal, id-dikjarazzjoni tad-dekadenza hija intrinsikament marbuta mad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali. Wara l-ħall taż-żwieġ, dikjarazzjoni ta' separazzjoni hija legalment inkonċepibbli.

Inoltre il-Qorti tirreferi għall-kawża fl-ismijiet Joseph Grech vs. Rita Grech[14] fejn il-Qorti kkonfermat *"Fil-fehma tal-Qorti divorzju jista' jiġi ppronunzjat darba biss u dan peress illi, a differenza ta' dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali, pronunzjament ta' divorzju ixolji ż-żwieġ darba għal dejjem. M'hemmx lok għalhekk li l-Qorti ixxolji mill-ġdid iż-żwieġ tal-partijiet.*
*Il-Qorti, filwaqt li fliet bir-reqqa is-sottomissjonijiet tal-partijiet tikkonkludi illi ppronunzjat id-divorzju tal-partijiet, ma hux possibbli li l-Qorti terġa għal darb' ohra tippronunzja d-divorzju tal-partijiet. Xolt darba, iż-żwieġ ma jistax jerġa' għal darb' oħra jiġi xolt."*

Fi ftit kliem, wieħed li jirċievi l-manteniment in segwitu ta' separazzjoni, irid ikun kawt li ma jibdiex relazzjoni ġdida, għaliex b'hekk huwa jista' jinstab ħati t'adulterju u konsegwentement jitlef id-dritt li jirċievi l-manteniment. Min-naħa l-oħra, jekk oltre li huwa separat, huwa wkoll iddivorzjat, jista' liberament jidħol f'relazzjoni ġdida mingħajr ma jitlef il-manteniment u din hija s-sitwazzjoni tal-liġi tagħna sal-lum. Illi mill-punto di vista ta' dak illi jħallas il-manteniment din is-sitwazzjoni tista' tirriżulta nġusta, għaliex filwaqt illi l-konjuġi qata' l-obbligu li jkun fidil lejh, huwa ma qatax l-obbligu li jmantnih. Kif jgħid il-Malti, din hija sikkina li taqta' minn żewġ naħat, u għalhekk kemm il-legislatur u kemm il-Qorti jridu jimxu b'kawtela kbira u jikkunsidraw kull każ biċ-ċirkostanzi tiegħu, u ma jkunx għaqli li jkollok regola waħda

[14] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 t'Ottubru 2017, Rikors Ġuramentat 471/08/1RGM;

għaċ-ċirkostanzi kollha, sabiex ma jinħoloqx preġudizzju u sofferenza mhux mixtieqa.

Fil-każ in eżami, l-attur intavola t-talba għad-dikjarazzjoni tad-dekadenza tal-konvenuta, meta ż-żwieġ tagħhom kien diġa maħlul bis-sentenza tad-divorzju. Hija fehma tal-Qorti illi għalhekk it-talba tal-attur hija legalment inkonċepibbli, għaliex kif intqal, 1) id-dekadenza hija marbuta mas-separazzjoni personali 2) wara l-ħall taż-żwieġ l-obbligu tal-fedelta' bejn il-konjuġi jintemm.

Jekk l-attur qiegħed jirreferi għall-adulterju kommess qabel il-ħall taż-żwieġ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuta indubbjament rrendiet ruħha ħtija t'adulterju kif ġie minnha ammess saħansitra sa minn qabel ma sseparaw. Illi minkejja dan, l-attur aċċetta li jħallasha l-manteniment għaliha personali u mhux biss għal uliedu. Illi fil-fehma tal-Qorti, dana jfisser illi mid-dikjarazzjoni tas-separazzjoni fl-1988 sal-lum, ma seħħewx ċirkustanzi ġodda li jiġġustifikaw xi bdil fil-kuntratt tas-separazzjoni.

Dwar il-bdil fil-mezzi tal-attur

L-**attur** jispjega[15] illi huwa baqa' jaħdem sal-eta' ta' sitta u sittin sena u kien jaqlagħha mhux ħażin. F'Ġunju 2011, huwa kien spiċċa mix-xogħol bil-pensjoni u għalhekk ma baqgħetx iktar possibbli għalih illi jħallas il-manteniment dovut lill-konvenuta skont il-kuntratt tas-separazzjoni personali tagħhom.

Fl-affidavit tiegħu[16], huwa kkonferma illi għandu introjtu medju mensili ta' €1052.90 u spejjeż ta' €875 fix-xahar, qabel ma

[15] Xiehda tal-attur fl-udjenza tat-8 t'April 2014, fol. 51.
[16] Fol. 22

jħallas il-manteniment tal-konvenuta u oltre l-ispejjeż tal-ikel tiegħu u tal-ħwejjeġ. Huwa esebixxa il-kuntratt tal-kera tar-residenza tiegħu[17], kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-Melita, tal-GO u tal-assikurazzjoni tal-vettura tiegħu[18]. Jgħid illi biex ilaħħaq huwa jiekol mit-tfaddil tiegħu, iżda dawn għandu bżonnhom għax għada pitgħada jaf ikollu l-bżonn li jmur ġo dar tal-anzjani għaliex uliedu ma jieħdux ħsiebu u ilhom sentejn ma jkellmuh. Huwa esebixxa prospett[19] illi jindika kif fi tliet snin, l-investiment tiegħu u cioe il-kapital tiegħu naqas bi €11,798.60. Prospett ieħor jindika kif id-dħul mensili tiegħu naqas, mentri l-ispejjeż żdiedu.

Xehed ukoll illi huwa ltaqa' ma' certa K fil-21 ta' Settembru 1997, u cioe disa' snin wara s-separazzjoni, u r-relazzjoni tagħhom baqgħet tikber tant illi huma llum jgħixu flimkien. K, li hija Ingliża, tgħix miegħu iżda ma tikkontribixxi xejn lejn il-kontijiet. Hija għandha pensjoni żgħira li tużaha biex tmur tara lil uliedha u lin-neputijiet tagħha fl-Ingilterra.

L-imsemmija **K L** xehdet[20] illi hija ilha f'relazzjoni tal-attur għal sittax-il sena. Hija tirrisjedi miegħu f'Ħ'Attard iżda ma tħallsu xejn la għall-kera, la għad-dawl u l-ilma u lanqas għall-ikel. Tmur tixtri hi iżda jagħtiha l-flus l-attur. Hija tħallas biss il-manutenzjoni tal-vettura tagħha. Għandha pensjoni mħallsa mill-Ingilterra ta' ċirka 85 Lira Sterlina fil-ġimgħa, li minnha ġġib Malta xi elf Lira Sterlina fis-sena. Hija tagħmel xogħol volontarju ġewwa ħanut jismu Happy Paws u hija wkoll *groomer* tal-annimali. Hija tagħti l-qligħ tagħha mill-*grooming* lil Noah's Art iċ-Ċirkewwa jew lid-Dog's Home, wara li taqta' l-ispejjeż tal-*blades* u l-*clippers* u tal-petrol tagħha.

---

[17] Fol. 26
[18] Fol. 28 et seq.
[19] Fit-2 ta' Novembru 2016, fol. 975
[20] fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2014, fol. 59.

Il-konvenuta **C B**, xehdet[21] illi hija qatt ma ħarġet taħdem barra mid-dar u li kienet tgħix u trabbi lil uliedha mill-manteniment illi jgħaddilha l-attur. Illum hija pensjonanta iżda ma tirċeviex la pensjoni u lanqas għajnuna soċjali. Kull ma tirċievi huwa l-manteniment ta' €296 fix-xahar mingħand l-attur. Preżentement tgħix magħha it-tifla ż-żgħira li tħallas hi għal ċertu kumditajiet għax hija ma tħallaqx.

Xehed ukoll **Ivan Cilia** in rappreżentanza tad-Direttur għas-Sigurta' Soċjali[22]. Huwa kkonferma illi C B K.I. 273052(M) ma tirċeviex benefiċċji soċjali mid-Dipartiment u lanqas pensjoni. Hija ma tikkwalifikax għall-pensjoni kontributorja għaliex f'għomorha għandha biss ħmistax-il kontribuzzjoni mħallsa. Lanqas tikkwalifika għall-pensjoni tal-eta' għax dika titħallas skond il-mezzi u l-konvenuta għandha mezzi li jeċċedu l-minimu. L-għajnuna soċjali twaqqfitilha fl-2009 minħabba li hija eċċediet il-kapital ta' erbatax-il elf ewro (€14,000).

Mix-xiehda mogħtija mir-rappreżentanti tal-**banek lokali** u d-dokumenti minnhom esebiti, irriżulta illi l-attur għandu diversi kontijiet ta' tfaddil u ta' depożitu fiss. Inoltre mill-prospetti tad-diversi *credit cards* tiegħu jirriżulta illi huwa ħallas diversi drabi pagamenti relatati ma' vjaġġar, ristoranti sija Malta u anke barra, lukandi f'Għawdex, titjiriet. Fil-fatt, l-attur in kontro-eżami[23] kkonferma li fl-2010 kien mar cruise fil-Karibew u iktar tard mar it-Tajlandja.

Fil-każ in eżami, il-partijiet kienu sseparaw b'kuntratt u għalhekk dak li ġie minnhom miftiehom għandu forza ta' liġi, u dana in linea mal-prinċipju tal-*pacta sunt servanda*. Dana jfisser illi l-kuntratti għandhom il-forza ta' liġi bejn il-partijiet u ma jistgħux jiġu emendati għajr fl-estremi kkontemplati mil-liġi stess.

[21] fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2014, fol. 77.
[22] Fl-udjenza tal-14 t'Ottubru 2015, fol 94.
[23] Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2016, fol. 979

Issir referenza għall-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: "(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***. (2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

Ai termini tal-istess Artikolu, qed issir referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et[24] fejn ġie ritenut li "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda*";

- Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino [25] u Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe[26] fejn ġie ritenut li "*strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-liġi tenfasizza l-kunċett illi dak il-kuntratt ma jistax jiġi riżolut, in linea ta' prinċipju, bis-sempliċi volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi*".

Minn dana jirriżulta illi l-kuntratti jistgħu jiġu mħassra biss jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, li fil-każ odjern ma jirriżultax, jew inkella għal raġunijiet magħrufin fil-liġi.

Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili[27] tagħna, illi fis-sub-inċiż 9 jistipula:

---

[24] deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2002, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili
[25] deċiża nhar il-11 ta' Novembru 1997, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[26] deċiża nhar it-8 ta' Jannar 2010, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[27] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.*

Illi l-għoti tal-manteniment bejn il-konjuġi huwa dejjem suġġett għall-mezzi u l-bżonnijiet taż-żewġ partijiet u dan skont kif jistipula l-Artikolu 3 tal-Kodiċi illi jgħid:

***3.** Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

Illi għalhekk jirriżulta, illi bis-saħħa tas-sub-inċiż preċitat, teżisti raġuni magħrufa fil-liġi għall-varjazzjoni ta' klawżola kuntrattwali li tirregola l-manteniment bejn il-miżżewġin u din ir-raġuni hi "tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment."

Illi minkejja li dak li jkun miftiehem bejn il-partijiet għandu forza ta' liġi u ma jinbidilx daqstant faċilment, il-liġi tipprovdi għal ċirkostanzi bħal din odjerna, fejn parti tħoss li hemm lok għat-tnaqqis tal-manteniment minnu mħallas, u dana permezz tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula: ***"21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ."***

Illi dwar il-possibilita ta' bdil ta' manteniment, fil-kawża Brigitte Vella vs. Richard Vella[28], il-Qorti tal-Appell mingħajr ebda tlaqliq ippronunċjat illi meta jkun hemm bdil fiċ-ċirkustanzi, ikun hemm lok li parti titlob lill-Qorti sabiex tirrevedi l-manteniment pagabbli anke meta l-istess manteniment ikun ġie stipulat permezz ta'

[28] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2015 (Rikors Ġuramentat: 285/2008)

sentenza tal-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tal-Appell, f'dak il-każ, ma laqgħetx l-aggravju tal-appellant illi biex varjat il-manteniment, din il-Qorti kienet biddlet sentenza tal-Qorti tal-Appell, liema sentenza skont l-appellant, kellha sservi għall-kumplament tal-ħajja tal-partijiet għaliex ipprovdiet fost affarijiet oħra għaż-żieda tal-manteniment skont l-għoli tal-ħajja u anke ddeċidiet li l-attriċi kellu jkollha dritt għal manteniment, independentement jekk tkunx impjegata jew le. Il-Qorti tal-Appell iddikjarat: *"Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni għaliex l-Artikolu 54 (9) fuq imsemmi jipprexxindi minn dan kollu. Jekk jiġu pruvati bdil fil-mezzi tal-parti li għandha l-obbligu li tħallas il-manteniment jew tal-persuna li għandha dritt tirċevieh, tista' ssir talba lill-Qorti għar-reviżjoni u dan joħroġ ċar wisq mill-artikolu msemmi biex iħalli lok għal dubju. Għalhekk dan l-aggravju huwa miċħud. Kif qalet l-ewwel Qorti, kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet li jwasslu anke lil din il-Qorti tikkonkludi li kien hemm bdil fil-mezzi addirittura taż-żewġ partijiet biex il-manteniment jiġi rivedut skont l-Artikolu 54(9)."*

Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 54(9) tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċċitat, mhuwiex intiż sabiex jissodisfa l-pika li tista' teżisti bejn il-partijiet, iżda għandu jintuża f'każijiet serji fejn persuna li tkun tenuta obbligata tħallas manteniment, isir **impossibbli** għalih/a li tonora l-istess obbligi u dan għal raġunijiet indipendenti mill-volonta` tiegħu/tagħha. Il-Qrati tagħha dejjem irritenew illi f'każijiet eċċezzjonali għandu japplika l-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur* iżda dana biss meta ċ-ċirkostanzi jkunu għal kollox inevitabbli u li ma jkunux ġew ipprovokati mill-aġir tad-debitur.

Fil-każ odjern, l-attur qiegħed jitlob it-tneħħija tal-manteniment dovut lill-konvenuta, għaliex biex iħallasha l-istess manteniment huwa qiegħed inaqqar mit-tfaddil tiegħu (il-kapital), in vista li l-infiq tiegħu inkluż il-manteniment tal-konvenuta jeċċedi d-dħul kurrenti tiegħu.

Kif jissottometti sewwa d-difensur tal-konvenuta, il-fatt li persuna sejra tixjieħ hija possibilment l-iktar ħaġa prevedibbli fil-ħajja tal-bniedem u għalhekk dan il-proċess naturali ma jistax jitqies li huwa ċirkostanza ġdida fil-ħajja tal-attur. Huwa minnu li

l-introjtu tal-attur issa naqas in vista li huwa pensjonant. Minkejja dan it-tnaqqis, huwa xorta waħda jagħżel li jħallas għall-għixien tas-sieħba tiegħu, mingħajr ma huwa obbligat. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, it-tnaqqis fil-mezzi tiegħu ma jeżonerawhx mill-obbligi tiegħu li jikkontribwixxi wkoll għall-għixien tal-konvenuta.

Fuq kollox, il-każ tal-attur ma jitrattax xi impossibilta ta' mezzi oġġettivament serja, għaliex l-attur qiegħed jgħix ħajja komda fejn sikwit jiekol fir-ristoranti u jsiefer anke f'postijiet ferm 'il bogħod minn xtutna. Ċertament m'hijiex il-livell ta' impossibilita' prevvista mill-ġjurisprudenza tagħna.

**<u>Deċide</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tiċħad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjeż kontra l-attur.